Summit tal-Euro

Brussell, 26 ta' Novembru 2026
(OR. en)

EURO 508/26

EUROSUMMIT 2
TSGC 9

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Laqgħa tas-Summit tal-Euro (26 ta' Novembru 2026) – Dikjarazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża d-dikjarazzjoni maqbula mis-Summit tal-Euro fil-laqgħa t'hawn fuq.

Dikjarazzjoni tas-Summit tal-Euro, imlaqqa' f'format inklużiv

1. Iddiskutejna s-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja attwali. L-ekonomija taż-żona tal-euro wriet reżiljenza, fid-dawl ta' pressjonijiet esterni mġedda, hekk kif l-attività ekonomika żammet aħjar milli mistenni, is-suq tax-xogħol għadu robust u s-settur finanzjarju għadu sod. Quddiem ostakli marbuta ma' inflazzjoni ogħla, rati tal-imgħax globali li qed jiżdiedu u inċertezza akbar, il-politiki tagħna għandhom jibqgħu ffukati fuq it-tisħiħ tar-reżiljenza, iż-żamma ta' finanzi pubbliċi sodi u sostenibbli, u t-tisħiħ tal-kompetittività.

2. Koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u fiskali tagħna hija ċentrali biex jiġi żgurat tkabbir sostenibbli u inklużiv. Filwaqt li nieħdu nota tal-ittra tal-President tal-Grupp tal-Euro tat-18 ta' Novembru 2026, nistiednu lill-Grupp tal-Euro jkompli jimmonitorja l-iżviluppi ekonomiċi, fiskali u finanzjarji. Nistiednu wkoll lill-Grupp tal-Euro jirrapporta regolarment dwar il-ħidma biex jissaħħaħ ir-rwol internazzjonali tal-euro. Nibqgħu sodi fid-determinazzjoni kollettiva tagħna li nwettqu l-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti, b'mod deċiżiv u rapidu.

3. Infakkru fl-impenn meħud fil-Pjan Direzzjonali għal Ewropa Waħda, Suq Wieħed biex jintlaħaq qbil dwar l-euro diġitali sa tmiem l-2026 u ntennu l-importanza li titlesta malajr il-ħidma leġiżlattiva u jiġu aċċellerati l-passi preparatorji li jmiss. Dan ser jippermetti lill-Eurosistema tavvanza l-ħidma preparatorja meħtieġa lejn il-varar f'waqtu tal-euro diġitali.

4. Nilqgħu l-informazzjoni pprovduta mill-Presidenti tal-Bank Ċentrali Ewropew, tal-Kummissjoni u tal-Grupp tal-Euro dwar l-iskambji reċenti ma' ekonomiji ewlenin dwar l-ekonomija globali u l-iżbilanċi makroekonomiċi. It-tkomplija tad-djalogu ser tgħin biex jitrawwem fehim komuni tal-ixprunaturi tal-iżbilanċi u ta' miżuri ta' politika konkreti biex jiġi ffaċilitat riekwilibriju ordnat. Nistiednu lit-tliet Presidenti jirrapportaw lura lis-Summit tal-Euro fi żmien debitu dwar ir-riżultati tad-djalogu.